Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,864, 14 ta' Lulju, 1981

Taqsima B

A.L. 68 ta' l-1981

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWORTIRTÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976

Ordni ta' l-1981 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1 Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1981 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-14 ta' Lulju, 1981.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi li ġejja, jiġifieri:

(a) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, Birżebbuġia li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 77 sa 92 tal-kejl ta' madwar 4298 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ta' l-Istabar, Ħal Qormi li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 15 sa 23 tal-kejl ta' madwar 2675 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' triq pubblika u minn Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern.

(ċ) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tax-Xagħra, (Daħla tal-Ġgantija) Għawdex li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala bħala *Plots* Nri. 1 sa 11 tal-kejl ta' madwar 3360 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' triq pubblika u minn Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern.

(d) 6 blokki ta' *flats* immarkati A, B, Ċ, D, E u F rispettivament fi Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa (qabel magħrufa bħala *l-Married Quarters* tas-Servizzi) li kull blokk minnhom jikkonsisti f'6 *flats* immarkati Nri. 1 sa 6. L-imsemmija blokki imissu mill-Majjistral, mil-Lbiċ, mill-Grigal u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(e) Blokk ta' għaxar *flats* immarkati Nri. 1 sa 10 fl-Imtarfa limiti ta' l-Imdina (qabel magħrufa bħala *St David's Services Married Quarters)* li jmiss mill-Majjistral, mill-Grigal, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

(f) Id-dar numru 1 u d-dar numru 5, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Brandin, is-Siġġiewi.

(ġ) Id-dar numru 5 f'Area 10, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Ġiorni, limiti ta' San Ġiljan.

(ħ) Id-dar numru 1, Blokk III, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta.